Mellieħa

10 ta' Lulju 2019

# IT-TMIEN KUNSILL

### AĠENDA Numru 2

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **2** li ser issir fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 16 ta' Lulju, 2019 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

### AĠENDA

2.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

2.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

2.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

2.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

2.5. Mozzjoni dwar għoti ta' kuntratt dwar restawr u konservazzjoni tal-Batterija ta' Westreme minn barra;

2.6. Nominazzjonijiet għall-Onorefiċenzi tal-Ġieħ u Rikonoxximent;

2.7. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill;

2.8. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin;

2.9. Twaqqif ta' Kumitat *ad hoc* dwar Triq Ġorġ Borg Olivier;

2.10. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

2.11. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**MOZZJONI**

2.5. Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg li tgħid:

*"Billi saret sejħa għall-offerti MLC 4/2019, skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), li tinvolvi r-Restawr u Rijabilitazzjoni Esterna tal-Batterija ta' Westreme;*

*Billi sar rapport tekniku mill-perit konċernat tal-20 ta' Ġunju 2019 u evalwazzjoni mis-Kumitat tal-Evalwaturi taż-żewġ offerti li saru, skont rapport datat 28 ta' Ġunju 2019; u*

*Billi fl-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2019 ġew ivvutati fondi fil-Vot 7505 bis-saħħa ta' finanzjament approvat taħt il-Programm Operattiv I – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020 skont ftehim bir-referenza* ERDF.PA5.0115*;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent North 2 South Ltd, illi rriżulta li ssottomettew l-inqas offerta finanzjarja, filwaqt li kienu wkoll konformi mal-kriterji stabbiliti fid-dokument tal-offerta.".* *(P/10/30)*

John Buttigieg
**Viċi Sindku (Proponent)**

Marvin Abela
**Kunsillier (Sekondant)**